**19 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Saċerdot Gio Batta Mellak et.

*versus*

Giuseppe Cremona

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Destinazzjoni tal-Fond — Ħanut — Dar tal-Abitazzjoni — Ħjata — Appell — Kwistjoni ta' Dritt.**

*Jekk sentenza tal-Board tal-Kera tenunċja l-prinċipji legali li fil-fehma tal-Board kellhom jiggovernaw l-indaġini ta' fatt, u bl-appell jiġu mpunjati dawk il-prinċipji, l-appell hu ammissibbli mħabba li jkun hemm involuta kwistjoni ta' dritt; għax bl-appell jiġi li jkunu qegħedin jiġu mpunjati dawk il-prinċipji, indipendentement, għall-mument, minn jekk dik il-kontestazzjoni hijiex valida jew le.*

*Huwa veru li ġie affermat mill-ġurisprudenza tagħna illi, biex tiġi stabbilita n-natura ta' fond, hemm bżonn li tiġi eżaminata d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti għalfejn il-fond ġie mikri; iżda dan a propożitu tal-indaġini jekk il-fond kienx "ħanut" jew "dar tal-abitazzjoni"; imma l-istess prinċipju ma jistgħax jiġi elevat għal norma assoluta meta si tratta li tiġi meqjusa l-importanza relattiva ta' diversi ġeneri ta' negozju jew diversi ndustriji eżerċitati fl-istess post skond il-ftehim. Minn banda waħda, ftehim simili għandu jitqies li jikkontempla l-possibilità, u kwindi l-leġittimità, li dik l-importanza relattiva titbiddel minn żmien għall-ieħor skond l-iżvilupp naturali u l-eżiġenzi tal-kummerċ jew industrija; mill-banda l-oħra, tibdil simili jista' ma jkunx ta' mportanza tali li jikkostitwixxi legalment dak il-kambjament ta' destinazzjoni li jintitola s-sid jirrifjuta r-rilokazzjoni għal dik ir-raġuni.*

*U ma għandu qatt jintnesa illi l-iskop tal-liġi mhux dak li jav-*

*vantaġġja s-sid b'mod li jkun jista' japprofitta ruħu minn kwalunkwe ċirkustanza, anki l-aktar żgħira u ġenwina, biex jippriva lill-inkwilin mid-dgawdija tal-fond; u l-liġi ma tistgħax tippermetti, jew wisq anqas tinkoraġġixxi, talbiet għal żgumbrament motivati biss minn piki jew miċ-ċirkustanzi diffiċli ta' nuqqas akut ta' bini għall-kiri.*

*Hekk, ħanut li darqa kien mikri bħala ħanut tal-ħwejjeġ, u darqa bħala ħanut ta' arġentier, ma jistgħax jingħad li kien xi fond ġa mrawwem u mmexxi bi skop determinat, b'mod li s-sid ikollu nteress li d-destinazzjoni tiegħu tissokta biex tinżamm il-klijentela u l-"good will" ġa mibnija. B'mod li meta ħanut simili jittieħed b'kiri biex fih il-kerrej jeżerċita s-sengħa ta' ħajjat, u in segwitu s-sid jagħtieh il-permess biex jintroduċi fih il-bejgħ ta' drappijiet, żraben, u ġeneri affini, bil-fatt biss li l-kerrej baqa' jaħdem fih ta' ħajjat ma jiġix li d-destinazzjoni tal-fond kienet dik li jservi bħala ħanut għax-xogħol ta' ħajjat; u kwindi, jekk il-kerrej, in segwitu ma jkomplix jaħdem fih ta' ħajjat, imma jkompli jużaħ għall-eżerċizzju tan-negozju ta' dawk l-oġġetti l-oħra, ma hux il-każ li jingħad li hu nkorra s-sanzjoni tal-liġi għax biddel id-destinazzjoni tal-fond.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tas-Saċerdot Gio Batta, Giorgia, Eliża u Antonia Meilak, tat-2 ta' Lulju 1957, quddiem il-Board li Jirregola l-Kera għal Għawdex, li bih talbu li jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-ħanut nru. 11 St. George's Square, Victoria, li jinsab mikri għand l-intimat Giuseppe Cremona b'£5 fis-sena, u li l-kera tiegħu jagħlaq fit-30 ta' Settembru 1957; talba li saret billi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond;

*Omissis;*

Rat il-verbal tal-20 ta' Awissu 1957, li bih l-intimat ammetta illi minn żmien twil l-hawn fil-fond tiegħu ibiegħ żraben u drappijiet, u r-rikorrent iddikjara li d-domanda tiegħu għandha bħala bażi illi mill-bidu ta' Mejju l-hawn l-intimat fil-fond qiegħed ibiegħ biss żraben, u ċċessa kwalunkwe attività ta' ħajjat;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-4 ta' Marzu 1958, li biha ġiet milqugħa t-talba tar-rikorrent, u għall-fini taż-żgumbrament ġie mogħti lill-intimat iż-żmien ta' tliet xhur minn dak inhar tas-sentenza, u ġie ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-intimat; wara li dak il-Board ikkunsidra;

Illi t-talba tar-rikorrent hija bażata fuq l-art. 13 tal-Kap. 109, li jgħid li dan il-Board jista', u għandu, jagħti l-permess biex sid il-kera jieħu lura l-pussess tal-fond fil-każ ta' ħanut, kemm il-darba jikkonkorru l-estremi msemmija fl-art. 10(2), li fosthom hemm dak ta' meta l-kerrej ikun uża l-fond xort'oħra milli għall-iskop li għalieh ġie lilu mogħti b'kiri;

Illi, għalhekk, l-indaġini li għandha ssir hija duplići, u ċjoè, l-ewwelnett dik biex tiġi stabbilita preċiżament id-destinazzjoni tal-fond, u fit-tieni lok dik li taċċerta jekk kienx hemm jew le, da parti tal-intimat, kambjament f'dik id-destinazzjoni hekk preċiżata, u mhix awtorizzata jew akkonsentita mis-sid;

Illi għall-fini tal-ewwel indaġini hemm bżonn li jiġi stabbilit, l-ewwelnett, il-prinċipju li għandha tiġi eżaminata d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti għalfejn il-post ġie mikri; u dan huwa paċifiku;

Huwa wkoll importanti l-prinċipju illi l-konvenzjonijiet li bihom il-partijiet jistabbilixxu d-destinazzjoni ta' fond jistgħu jkunu taċiti, u bl-istess mod jistgħu jitbiddlu matul il-lokazzjoni. Il-Laurent jgħid:— "Ma le convenzioni possono essere tacite. Tal è quasi sempre quella che riguarda la destinazione della cosa locata; le parti non si spiegano perchè le cose parlano de sè; la natura dei luoghi locati, la loro destinazione anteriore, la professione del conduttore quando è nota al locatore, e questo è certo il caso ordinario, indicano con una certezza completa a qual uso è destinata la cosa; le parti non pensano nemmeno a parlarne, nè a scriverlo" (Diritto Civile, Vol. 25, p. 212);

Illi, peress li bil-verbal tal-20 ta' Awissu 1957, ir-rikorrent iddikjara li l-bidla tad-destinazzjoni tal-fond saret minn

Mejju ta' dik is-sena l-ħawn, għandha tiġi preċiżata dik li kienet id-destinazzjoni tal-fond fill-bidu ta' Mejju 1957, ċjoè qabel ma l-intimat, kif jippretendi r-rikorrent, iċċessa kull attività ta' ħjata; u dan meħuda in konsiderazzjoni l-prinċipji ġa enunċjati;

Illi jirriżulta, f'dan ir-rigward, mix-xhieda tal-intimat, illi huwa kera l-ħanut in kwistjoni fl-1928 minn għand Carmela Meilak, li tiġi z-zija tar-rikorrenti. Fill-bidu huwa rama' negozju ta' ħajjat; però sitt xhur wara irranġa massiħ biex jagħmel vetrina u jżid mal-ħjata l-bejgħ tażżraben, drappijiet, u "ready makes" tan-nisa. Fil-ħanut huwa kellu bieb jinfed għall-entrata tad-dar ta' Carmela Meilak, u dan il-bieb kien jinżamm miftuħ. Xi sena wara li ħa l-ħanut, l-intimat kien irranġa ma' ċertu Giuseppe Vella, li jiġi ħaten ir-rikorrent Saċerdot Gio Batta Meilak, biex in-negozju tad-drappijiet ta' rġiel jagħmluh bi sħab, u għal dan Giuseppe Vella qal li kellu, kif fil-fatt irriżulta, il-permess ta' l-istess Saċerdot Meilak. Din is-soċjetà, wara ċertu perijodu, ġiet terminata. Fl-1936 l-intimat ottjena permess minn għand *Carmela Meilak biex jestendi l-vetrina* tal-ħanut. Meta Carmela Meilak mietet, fl-1943, il-fond spiċċa biex għadda għand ir-rikorrenti; u xi tliet xhur wara, is-Saċerdot Gio Batta Meilak ried jawmenta l-kera tal-ħanut, li fil-fatt ġie awmentat b'sentenza ta' dan il-Board. F'dan iż-żmien, il-ħanut kien armat bil-ġeneri kollha li diġà ssemmew, flimkien mal-ħjata, li dejjem baqgħet issir fil-ħanut. Fl-1945 u 1946 ir-rikorrenti marru joqgħodu fil-fond kontigwu fejn kienet toqgħod Carmela Meilak; u l-intimat baqa' dejjem jesponi għall-bejgħ l-oġġetti msemmija, u ċjoè żraben, drappijiet, u *ħwejjeġ tan-nisa*;

L-intimat żied jgħid li huwa kien jaħdem ta' ħajjat fil-ħanut anki wara li ntroduċa ġeneri ġodda; u l-ħjata neħħiha mill-post xi sena qabel l-4 ta' Frar 1958, meta xehed, għalkemm baqa' jaċċetta xogħol ta' ħjata u jagħtieh barra. Qabel, ġie li kellu tliet lavranti fil-ħanut. Fl-istess epoka li huwa neħħa l-ħjata mill-ħanut, huwa biddel it-tabella tal-ħanut, u minn "Tailor-Drapery" għamilha "Lafayette";

*Fl-aħħarnett, l-intimat qal li f'din l-aħħar sena huwa*

kellu xi tmienja jew disgħa lbiesi għall-ħjata, mentri qabel din is-sena huwa ġie li kellu libsa jew tnejn kulljum;

Illi, għalkemm ir-rikorrenti jallegaw li qatt ma kien hemm il-kunsens tagħhom bħala sidien biex jiġu ntrodotti l-ġeneri l-oħra fil-ħanut, ħlief id-drappijiet ta' rġiel li kellhom jiġu meħjuta fil-post, però hemm kwantità ta' provi li jsaħħu l-versjoni tal-fatti mogħtija mill-intimat. Infatti, barra minn diversi xhieda li kienu jaraw dawn il-ġeneri fil-ħanut, ġie prodott il-Kuntistabbli Camilleri, li qal illi l-1947 ottjena l-permess għall-bejgħ tal-"underwear" u "draperies", u fl-1954 il-permess għall-bejgħ taż-żraben; u rriżulta li, anki qabel, il-ħanut kellu fih esposti għall-bejgħ dawn il-ġeneri mix-xhieda ta' Michel Angelo Saliba, Francesco Pavia, Nicola Camilleri, Maria Cefai, u oħrajn;

Illi anki jekk kien hemm xi dubju, dan kien jiġi riżolut bil-fatturi li l-intimat eżibixxa, u li juru li sa mill-1948 il-ħanut kien dejjem fornit b'merkanzija tal-ġeneri msemmija;

Illi, meta jiġi kunsidrat illi r-rikorrenti joqgħodu bieb ma' bieb mal-ħanut, ma jistgħax jingħad li huma ma kienux a pjena konjizzjoni ta' dak li kien qiegħed jinbiegħ ġo fih; u kien għalhekk, naturalment, li huma llimitaw il-kawżali tagħhom għall-perijodu minn Mejju 1957 l-hawn, għaliex kienu jafu li sa dak iż-żmien huma kienu taw il-kunsens tagħhom b'għemilhom għall-bejgħ tal-oġġetti msemmija fil-ħanut in aġġunta għall-ħjata;

Illi minn dan kollu jidher illi d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti tal-fond baqgħet dejjem dik oriġinarjament pattwita, u ċjoè dik li l-intimat jeżerċita s-sengħa tiegħu tal-ħjata fil-ħanut. Dan juruħ il-provi kollha; għaliex Carmela Mellak kriet il-ħanut lill-intimat, li kienet tafu ħajjat, għal dan l-iskop, u fil-fatt dan baqa' sa Mejju 1957 jużah prinċipalment għal dan l-iskop u taħt insenja li kienet tagħti l-preċedenza lit-"Tailor" qabel id-"Drapery". Sa dan iż-żmien il-klijentela tal-ħanut kienet kbira tant, li l-intimat stess jgħid li kien iħit libsa jew tnejn kulljum;

*Illi għalhekk, in-negozju taż-żraben, drappijiet u* "ready makes", għalkemm kien qiegħed jiġi eżerċitat bil-kunsens tas-sidien, però jidher li l-konvenzjoni taċita bejn il-partijiet dejjem kienet li dan għandu jkun "in aġġunta" *għad-destinazzjoni prinċipali tal-fond, b'mod* li lanqas l-intimat ma jippretendi li xi darba kienet kunsidrata l-konvenzjoni ma' sid il-kera li l-ħjata għandha tispiċċa mill-post;

Illi l-intimat ma jiċħadx *li huwa xi xahrejn qabel il-*preżentata tar-rikors, ċjoè fit-2 ta' Lulju 1957, neħħa l-insenja ta' ħajjat u ssostitwiha b'waħda li ma ssemmi xejn il-ħjata fil-ħanut in kwistjoni; u lanqas ma jiċħad illi neħħa *l-makni minn ġo l-ħanut u ma għadux iħit iżjed* hemm ġew. Lanqas ma jiċħad li bl-għemil tiegħu l-klijentela tal-ħjata kważi spiċċat għal kollox. Anzi ħu l-intimat, Salvu Cremona, qal li l-intimat jaċċetta l-ħjata fil-ħanut in kwistjoni u jibgħat ix-xogħol fil-ħanut li *Salvu Cremona* għandu f'*Main* Gate Street;

Illi l-intimat jippretendi li huwa qiegħed jissoddisfa l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni meta jaċċetta l-ħjata taħt iċ-ċirkustanzi msemmija u jibgħatha barra. Fuq dan il-pont il-Laurent (Op. ċit. p. 212) jgħid:— "La destinazione della cosa modifica singolarmente il diritto di godimento del conduttore. Egli non è solo obbligato a godere da buon padre di famiglia, ma deve godere conformemente alla destinazione che è stata data alla cosa locata dalla legge, espressa o tacita, dal contratto, quando anche il godimento che il conduttore vorrebbe sostituirvi non fosse dannoso pel proprietario";

*Il-konvenzjoni* bejn il-partijiet ma kienetx li l-intimat għandu joqgħod fil-ħanut mingħajr insenja ta' ħajjat, ibiegħ diversi oġġetti, u jaċċetta xi ordni sporadiku għall-ħjata ta' lbiesi biex jgħaddieh f'negozji oħra ta' terzi persuni, imma li huwa għandu prinċipalment jeżerċita s-sengħa ta' ħajjat fil-ħanut, u in aġġunta jesponi drappijiet, żraben u "ready makes" għall-bejgħ, u jbiegħhom;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi jidher illi l-intimat fil-fatt

mingħajr kunsens tas-sidien, għamel użu mill-ħanut mikri lilu divers minn dak li għalieh saret il-kirja;

Rat ir-rikors tal-intimat Giuseppe Cremona, li bih appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni tal-inappellabilità, sollevata mir-rikorrenti, ma tistgħax tiġi milqugħa. Is-sentenza appellata ma tikkonsistix biss f'apprezzament ta' fatt u valutazzjoni tal-provi. Għall-kuntrarju, hi tibda billi tenunċja l-prinċipji legali li fil-fehma tal-Board kellhom jiggovernaw l-indaġini tal-fatt; u huma appuntu dawk il-prinċipji li qegħedin jiġu mpunjati bl-appell. Din hi, bla dubju, kontestazzjoni fuq punt ta' liġi, li tirrendi ammissibbli l-appell, indipendentement, għall-mument, minn jekk dik il-kontestazzjoni hix valida jew le — ħaġa li trid tiġi appuntu deċiża fuq dan l-appell;

Dik l-eċċezzjoni hi, għalhekk, miċħuda; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat;

L-ilment tal-intimat, kif imfisser fir-rikors tal-appell, huwa illi l-Board laqa' t-talba tar-rikorrenti "fuq il-premessa, ġuridikament erronea, illi hija d-destinazzjoni prinċipali u oriġinarja li tgħodd għall-eżami jekk ikunx sar il-kambjament li jintitola lis-sid li jħoll il-kirja";

Dan l-ilment ma jidherx inġustifikat. Għad illi fl-enunċjazzjoni astratta tal-prinċipju l-Board irrikonoxxa illi l-konvenzjonijiet li bihom il-partijiet jistabbilixxu d-destinazzjoni tal-fond mikri, jistgħu anki taċitament jitbiddlu matul il-lokazzjoni, jidher ċar illi l-Board baqa' preokkupat bid-destinazzjoni prinċipali tal-bidu, non ostante li sab

bħala fatt li l-ftehim kien tbiddel b'mod illi d-destinazzjoni tal-fond ma setgħetx baqgħet l-istess;

Oltre dan, il-Board stabbilixxa wkoll bħala prinċipju illi, biex tiġi determinata d-destinazzjoni tal-fond, għandha tiġi eżaminata d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti għalfejn il-post ġie mikri. Issa, huwa veru illi ġie min din il-Qorti affermat kemm il-darba illi, biex tiġi stabbilita n-natura ta' fond, hemm bżonn li tiġi eżaminata d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti għalfejn il-fond ġie mikri (ara, fost oħrajn, sentenzi Vol. XXXII-I-238; XXX-I-104 u u 215; Vol. XXXVII-I-32). Iżda dan kien a propożitu tal-indaġini jekk il-fond kienx "ħanut" jew "dar tal-abitazzjoni"; u huwa rifless naturali tad-definizzjonijiet stess li tagħti l-liġi li jħarsu lejn l-iskop li għalieh il-fond ikun "prinċipalment mikri". L-istess prinċipju, però, ma jistgħax jiġi elevat għal norma assoluta meta si tratta li tiġi meqjusa l-importanza relattiva ta' diversi ġeneri ta' negozju jew diversi ndustriji eżerċitati fl-istess post skond il-ftehim. Mill-banda l-waħda ftehim simili għandu jitqies li jikkontempla l-possibilità, u kwindi l-leġittimità, li dik l-importanza relattiva titbiddel minn żmien għall-ieħor skond l-iżvilupp naturali u l-eżiġenzi tal-kummerċ jew industrija. Mill-banda l-oħra tibdil simili jista' ma jkunx ta' importanza tali li jikkostitwixxi legalment dak il-kambjament ta' destinazzjoni li jintitola s-sid jirrifjuta r-rilokazzjoni għal dik ir-raġuni;

In ġenerali, mbgħad, ma għandu att jintnesa dak li din il-Qorti tenniet kemm il-darba, "illi l-iskop tal-liġi mhux dak li javvantaġġja lis-sid b'mod li jkun jista' japprofitta ruħu minn *kwalunkwe ċirkustanza*, anki l-aktar żgħira u ġenwina, biex jippriva lill-inkwilin mid-dgawdija tal-post (ara "Vella vs. Grech", App. Ċiv. 24.3.1958). Huwa kontrosens li timmaġina illi l-liġi, li saret u qegħedha sseħħ bl-iskop li tagħti protezzjoni u sigurtà lill-kerrej, tista' tippermetti, jew wisq aktar tinkoraġġixxi, talbiet għal żgumbrament motivati biss minn piki jew miċ-ċirkustanzi diffiċli ta' nuqqas akut ta' bini għall-kiri;

Ikkunsidrat;

L-intimat kera l-fond in kwistjoni minn għand iz-zija tar-rikorrenti xi 30 sena ilu. Sa dak iż-żmien dak il-fond kien drabi qabel użat bħala ħanut, iżda ma kellux xi destinazzjoni speċjali ta' xi negozju jew mestjer partikulari. Infatti, mix-xhieda tar-Reverendu Don Gio Batta Meilak, wieħed mir-rikorrenti, mogħtija quddiem din il-Qorti, jidher li darba kien mikri u wżat bħala ħanut tal-ħwejjeġ u darb'oħra bħala ħanut ta' arġentier. Dan, għalhekk, ma kienx każ ta' xi fond li, qabel krieħ l-intimat, kien ġa mrawwem u mmexxi bħala ħanut ta' ħajjat, u s-sid kellu nteress li dik id-destinazzjoni tissokta biex tinżamm il-klijentela u l-"ġood will" ġa mibnija. Però, ankorkè kellu jingħad illi, meta krieħ l-intimat fill-bidu, l-użu kontemplat, minħabba l-okkupazzjoni tal-intimat, kien dak ta' ħajjat, il-provi juru illi s-sid ma kienetx tannetti għal dan l-użu importanza partikulari. Infatti, ftit xhur wara li bdiet il-kirja, sid il-kera tat il-kunpens tagħha biex issir vetrina u biex jibda jsir fil-fond anki l-bejgħ ta' żraben, drappijiet, u "ready makes" tan-nisa (fol. 27). Fl-1936 is-sid reġgħet tat il-kunsens tagħha biex il-vetrina tal-ħanut fuq barra tiġi mkabbra biex tintrama bil-ħwejjeġ u ż-żraben. Dan sar għad illi xi sentejn wara l-vetrina kellha terġa tinqala', peress li kienu ser jestendu l-faċċata tal-Knisja ta' San Ġorġ (fol. 27 wara u xhieda ta' Ġorġ Grech fol. 28). Il-fatt biss materjali illi l-intimat baqa' jaħdem ta' ħajjat fil-fond ma jiġġustifika ebda konklużjoni illi dan l-użu kien konsiderazzjoni importanti għas-sid, jew illi dan baqa' bħala d-destinazzjoni prinċipali u preponderanti tal-fond fil-kontemplazzjoni tal-partijiet. Bil-permess għall-bejgħ tad-drappijiet, ħwejjeġ lesti, u ġeneri affini, mogħti mis-sid, kien naturali li wieħed jaħseb illi dak in-negozju maż-żmien jikber. Minn imkien mill-provi ma jidher illi s-sid oriġinarja jew is-suċċesuri tagħha (sa din il-kawża) għamlu xi restrizzjoni jew xi limiti għan-negozju tal-intimat fil-fond; u minn imkien mill-provi ma tista' tinġibed ebda inferenza ta' xi stipulazzjoni illi dak in-negozju kellu jkun subordinat jew aċċessorju għall-ħidma ta' ħajjat;

L-argument illi l-intimat kellu l-obligu, taħt piena li jitlef il-kiri, li jibqa' bilfors jaħdem ukoll ta' ħajjat fil-fond,

unikament għax fil-fatt baqa' jaħdem, huwa, fiċ-ċirkustanzi, petizzjoni ta' prinċipju. Jekk tneħħi dan ir-ragunament żbaljat, ma jibqa' xejn fil-provi li jsostni l-konklużjoni li wasal fiha l-Board, illi l-konvenzjoni bejn il-partijiet kienet li l-intimat iżomm fil-ħanut l-insenja ta' ħajjat u prinċipalment jeżerċita fih dak il-mestjer. Il-faċilità li biha, milli jidher mill-provi, l-ewwel sid il-kera tat il-permess biex il-fond isir ukoll ħanut tal-bejgħ, u l-espansjoni progressiva ta' dan l-użu l-ieħor, li tidher ukoll mill-provi, magħmula publikament taħt għajnejn is-suċċessivi sidien, kompriżi r-rikorrenti, juru, jekk mhux il-kuntrarju, almenu n-nuqqas ta' ebda konvenzjoni limitattiva fis-sens fuq imsemmi;

Jekk ma' dan kollu tiżdied il-konsiderazzjoni illi l-intimat għadu fil-fatt jaċċetta xogħol ta' ħjata fil-fond, għad illi mhux fi kwantità kbira, u x-xogħol isir barra, jidher aktar illi l-intimat ma biddelx id-destinazzjoni mifthema jew permessa. Hija f'lokha l-osservazzjoni magħmula mill-intimat fir-rikors tal-appell illi, trattandosi ta' fond li jikkonsisti f'kamra waħda, kien naturali, u ma setgħax ma jkunx prevedut, illi l-kunsens tas-sid għall-bejgħ ta' oġġetti fil-fond seta' eventwalment, bl-iżvilupp ta' dan in-negozju, anki biss għal raġunijiet ta' konvenjenza, nuqqas ta' spazju u ndafa, jelimina dejjem aktar ix-xogħol tal-ħjata;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-intimat, tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera għal Għawdex fl-4 ta' Marzu 1958, u tiċħad it-talba tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra tagħhom.